# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 13 ta' Novembru 2017**

**Rikors Numru: 100/2016 JPG**
**Kawza Numru: 3**

**Grace Spiteri (K.I. 532555M)**

**VS**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Grace Spiteri (K.I. 532555M) ghall-fini tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, datat 22 ta' Novembru 2016, (vide fol 1 et seq), li jaqra hekk;

***Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawża***

*1. Illi r-rikorrenti esponenti hija attrici fi proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża numru 100/2015, presjeduta mill-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, fl-ismijiet Grace Spiteri vs Amabile Grech et, liema kawza titratta binja li bniet fuq in-naha ta' wara tad-dar tal-abitazzjoni*

taghha u ta' hutha, liema binja ma rrispettatx id-distanzi legali mill-propjeta` taghha, tant li qed tohnoq lill-esponenti u kkawzatilha danni fil-persuna u fil-personalita` taghha;

2. Illi r-rikorrenti esponenti, permezz ta' rikors ippreżentat nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru, 2016 fil-proċeduri msemmija, talbet ir-rikuża tal-Onor. Imħallef sedenti (Dok GS 1) fid-dawl illi ma kienet xejn kuntenta u sodisfatta bl-andament tal-kawza minhabba l-atteggjament tal-istess Imhallef sedenti u dan peress illi:

(i) ghalkemm f'wahda mis-seduti tal-bidu li nzammet quddiem il-Qorti hija talbet li ghas-spejjez taghha, dik l-Onor Qorti tahtar perit arkitett sabiex jeccedi fil-fondi in kwistjoni u jirrapporta dwar id-distanza li dwarha l-esponenti kienet qed tilmenta, l-istess Qorti cahditilha t-talba; u

(ii)ghalkemm matul il-gbir tal-provi l-esponenti harket bhala xhud ewlieni lil raprezentant tal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex igib il-files kollha relattivi u relatati mal-permessi kollha mitluba minn Amabile Grech, (l-intimat f'dik il-kawza), rigwardanti l-izvilupp li huwa ghamel fis-sit in kwistjoni u cioe` f'41/43, Triq il-Palazzi, Zejtun, b'sorpriza kbira dik l-Onor Qorti nvolvit ruhha f'argument mal-avukat difensur tal-esponenti u opponiet bil-qawwa l-prezentata tal-istess files mitluba u ordnat biss li jigu prezentati ftit folji mill-istess files!

3. Illi r-rikorrenti esponenti b'kull rispett dovut, thoss li l-atteggjament ta' dik l-Onor Qorti kien wiehed car li jxaqleb kontra taghha b'mod li kien qed jippregudika l-istess kaz taghha, liema atteggjament ghalhekk tilfilha l-fiducja fl-istess gudikant li qed jisma' l-kawza, specjalment meta l-istess gudikant beda jaghmel dak li kien qed jissugerixxi l-avukat tal-istess Amabile Grech, minghajr ma jzomm l-imparzjalita` tieghu fil-kwistjoni.

4. Illi l-esponenti tisħaq li ghalhekk hija ma mhux qed tircievi a fair hearing fis-sens illi l-gudikant ma kienx qed jitratta maghha bl-istess mod kif kien qieghed jitratta lill-parti opposta tant li kien anke qieghed

*jimpediha milli tressaq l-aqwa prova li setghet tipproduci ossia l-files relattivi tal-Awtorita` tal-Ippjanar rigwardanti l-izvilupp ilmentat u ghalhekk it-talba li ghamlet ghar-rikuza tal-istess gudikant saret fid-dawl taċ-ċirkostanzi preċiżi u partikolari tal-każ u proprju biex jiġu evitati dubji u ngerenzi fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-Ġustizzja;*

*5. Illi madanakollu, permezz ta' provvediment mogħti fil-kawża nhar il-31 ta' Ottubru, 2016, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba ta' rikuża u ordnat il-prosegwiment tal-kawża (Dok GS 2);*

***Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri***

*6. Illi konsegwentement l-esponenti kellha tirrikorri għal l-intavolar ta' dawn il-proċeduri kostituzjonali ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Artikolu 6 tal-Ewwel skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (Artikolu 13 tal-Ewwel skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta);*

*7. Illi l-esponenti kellha tirrikorri sabiex tikseb rimedju kostituzjonali, ossia wieħed straordinarju, u dan ghab-bażi tal-Artikoli ċitati, peress li kemm b'dak li ġara fl-iter tal-proċeduri kif fuq indikat, kif ukoll minħabba d-dettami tal-liġi proċedurali hekk kif viġenti, ġie leż kemm id-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-smiegħ xieraq, kif ukoll id-dritt fundamentali tar-rikorrenti li tingħata rimedju effettiv;*

*8. Illi l-esponenti sejra tgħaddi sabiex tindrizza l-lanjanzi kostituzjonali taghha billi l-ewwel teżamina l-liġi proċedurali nostrana in materja, tagħmel referenza għall-prinċipji regolatorji fir-rigward tad-dritt fundamentali għall-smiegħ xieraq u d-dritt fundamentali għal rimedju effettiv, imbagħad tgħaddi sabiex fl-aħħar tagħmel is-sottomissjonijiet taghha fil-konfront tal-fattispeċie partikolari tal-każ;*

9. *Illi huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana, kif ukoll dik ta' Qrati esteri u anki supranazjonali, li d-dritt għal smiegħ xieraq jikkomprendi kategorikament it-tlett pilastri tal-ġustizzja naturali, il-pilastru misjub bil-massima audi alteram et partem, il-pilastru misjub bil-massima nemo iudex in causa propria u l-pilastru li jirrekjedi li kull deċizjoni ġudizzjarja tkun motivata b'mod adegwat;*

10.*Illi ta' rilevanza primarja għall-fini tar-rikors odjern huma l-prinċipji audi alteram et partem u iudex in causa propria, u partikolarment l-import u l-applikazzjoni tal-elementi tal-indipendenza u l-imparzjalita, bħala elementi fondamentali tad-dritt għal smiegħ xieraq, għal tali massima. Dan peress li permezz tal-preżenti proċeduri l-esponenti qegħda targumenta li d-dettami tal-liġi proċedurali fir-rigward tar-rikuża ta' ġudikant sedenti, hekk kif misjuba fil-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huma leżivi għad-drittijiet fundamentali għal smiegħ xieraq u rimedju effettiv;*

11.*Illi l-artikoli tal-Liġi li jirregolaw ir-rikuża tal-ġudikanti huma misjuba fl-Artikoli 733 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

12.*Illi l-Artikolu 733 jipprovdi li l-imħallfin* ***ma jistgħux*** *jiġu rrikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemhom ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet delineati fl-Artikolu 734;*

13.*Illi l-Artikolu 734 imbagħad jistipula numru ta' ċirkostanzi li fihom il-partijiet f'kawża jistgħu jitolbu r-rikuża ta' imħallef jew ghab-bażi ta' liema l-imħallef stess jista' jastjeni milli joqgħod fil-kawża;*

14.*Illi mbagħad, l-Artikolu 738(1) jipprovdi li:*

*'Meta l-qorti hija kkostitwita minn imħallef wieħed u kontra dan l-imħallef tiġi mogħtija l-eċċezzjoni ta' rikuża,* ***għandu jiddeċidi huwa nnifsu*** *fuq ir-raġunijiet tal-eċċezzjoni, u* **kontra din id-deċiżjoni ma jingħatax appell**, *u, jew jastjeni ruħu u jiddigrieta li hemm lok għas-surroga ta' mħallef ieħor, inkella jissokta jisma' l-kawża, skont kif ikun iddeċida.' (Enfasi miżjuda)*

*15.Illi għaldaqstant jirriżulta b'mod manifest li fil-liġi proċedurali nostrana kwalsiasi talba għar-rikuża ta' ġudikant f'kawża għandha* ***tiġi bilfors deċiża mill-istess ġudikant li tiegħu qiegħda tintalab ir-rikuża****. Jirriżulta ukoll b'mod espress li* ***minn din id-deċiżjoni ma hemm l-ebda lok għall-appell*** *b'dan li l-parti li tkun għamlet it-talba m'għandha l-ebda forma ta' rimedju fir-rigward tad-deċiżjoni meħuda mill-ġudikant;*

*16.Illi dan ifisser li, hekk bħal ma ġara fil-każ li ta' lok għal dawn il-proċeduri, meta parti f'kawża tħoss li għandha titlob ir-rikuża tal-ġudikant sedenti, hija ma għandha l-ebda triq oħra għajr li titlob dan lil l-istess imħallef sedenti, b'dan li l-imħallef sedenti jiġi mitlub jieħu deċiżjoni dwar l-abbilta` u l-idonejita` tiegħu stess li jkompli jippresjedi l-proċeduri. Ikun x'ikun l-eżitu ta' tali deċiżjoni introspettiva, ma hemm l-ebda lok t'appell;*

*17.Illi l-esponent umilment tissottometti li għalkemm dan l-eżerċizzju m'għandux fil-prattika jippreżenta diffikultajiet meta si tratta ta' talba ta' rikuża ghab-bażi ta' ċerta kawżali kif jemerġu mill-Artikolu 734 - hekk per eżempju fejn il-ġudikant ikun qarib bid-demm ma' waħda mill-partijiet - mhux l-istess jista' jingħad għall-kawżali kollha;*

*18.Illi dan jingħad għax uħud mill-kawżali jirrikjedu mhux sempliċiment li jiġu kunsidrati fatti objettivi li jew jissustixxu jew le, ictu oculi, iżda jirrikjedu ħsieb approfondit u analiżi li tmur oltre tali aċċertament. Hekk hu fil-każ, per eżempju, tal-kawżali taħt l-Artikolu 734(1)(d) fejn l-eżerċizzju li jrid isir mill-ġudikant sabiex jikkunsidra t-talba għar-rikuża tiegħu stess, jirrikjedi neċessarjament apprezzament suġġettiv ta' l-għemil tal-istess ġudikant;*

*19.Illi għaldaqstant jidher biċ-ċar li l-pożizzjoni legali viġenti hi waħda fejn parti f'kawża li titlob ir-rikuża ta' ġudikant tiġi rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn ikun dak il-ġudikant stess li jikkunsidra jekk huwiex idoneju li jkompli jisma l-kawża hu, u dan minkejja li* ***tali deċiżjoni jaf tkun tinpinġi fuq analiżi suġġettiva tal-għemil preċedenti tiegħu stess u kif tali għemil jaf jinpinġi fuq il-kawża li fiha tkun saret it-talba għar-rikuża;***

*20.Illi huwa umilment sottomess li din il-pożizzjoni legali fil-liġi proċedurali nostrana hija* ***manifestament u pależament leżiva għad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq u d-dritt għar-rimedju effettiv*** *u, bid-dovut rispett, tirrapreżenta l-aktar eżempju ċelebri ta' leżjoni tal-prinċipju fundamentali tal-ġustizzja naturali nemo iudex in causa propria;*

*21.Illi, b'dan magħdud, ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li liġi nostrana fir-rigward tar-rikuża tal-ġudikanti hija leżiva għad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq, kif protett mill-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema liġi għandha titqies suprema stante li hija proprju dik il-liġi li tassigura li l-ġustizzja tkun amministrata b'mod li tiggarantixxi d-dinjita` u l-integrita` tal-persuna u tas-soċjeta` kollettiva;*

*22.Illi huwa ormai kategorikament aċċettat li, sabiex id-dritt għal smiegħ xieraq ikun rispettat, huwa bażilari li l-ġudikant sedenti ikun indipendenti w imparzjali b'mod li ma jkun hemm l-ebda ombra ta' dubju raġjonevoli dwar il-kapaċita` tiegħu li jasal għal-deċiżjoni libera, serena u ġusta;*

*23.Illi kemm il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzjonali nostrana kif ukoll l-ECtHR kemm-il darba sostnew li l-kriterju tal-imparzjalita` jeħtieġ li jkun jissustixxi kemm b'mod suġġettiv u kemm b'mod oġġettiv, dan tabilħaqq għax ġjaladaraba tkun nieqsa xi waħda minn dawn iż-żewġ elementi ta' dan il-kriterju fundamentali tal-imparzjalita`, il-ġudikant ma jistax jitqies imparzjali u m'għandux jippresjedi l-każ mingħajr ma jagħti lok għal ksur pależi tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq;*

*24.Illi din il-Qorti, kif diversament presjeduta, diġa kellha opportunita li tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza relevanti in materja fil-kawża Lawrence Grech et vs Avukat Generali et, fejn, anki b'referenza għall-każistika riċensjuri, intqal hekk:*

*'Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta' Grand Chamber fl-ismijiet Morice v. France deciza fit-23 ta' April 2015 u fiha tenkapsula principji ta' dritt ta' sentenzi ricensuri fosthom Rudichenko v. Ukraine deciza fil-11 ta' Ottubru*

*2013; Micallef v. Malta deciza fil-15 ta' Ottubru 2009 u Padovani v. Italy deciza fis- 26 ta' Frar 1993, oltre dawk imsemmijin fl-istess sentenzi.*

*Is-sentenza Morice tghid hekk fuq il-principju tal-imparzjalita` tal-gudikant:*

*The Court reiterates that impartiality normally denotes the absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. According to the Court's settled case-law, the existence of impartiality for the purposes of Article 6 § 1 must be determined according to a subjective test where regard must be had to the personal conviction and behaviour of a particular judge, that is, whether the judge held any personal prejudice or bias in a given case; and also according to an objective test, that is to say by ascertaining whether the tribunal itself and, among other aspects, its composition, offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in respect of its impartiality (see, for example, Kyprianou v. Cyprus [GC], no. 73797/01, § 118, ECHR 2005-XIII, and Micallef v. Malta [GC], no. 17056/06, § 93, ECHR 2009).'*[1]

*25.Illi l-imparzjalita` suġġettiva tfisser li ġudikant m'għandux iħalli l-ġudizzju tiegħu jiġi influwenzat minn preġudizzji jew bias personali, u lanqas għandu jkollu xi fehema jew konvinzjoni a priori dwar il-każ li jinġieb quddiemu;*[2]

*26.Illi f'Morice v France, sucitata, l-ECtHR kompliet tfisser il-konsistenza u l-implikazzjonijiet tal-imparzjalita` suġġettiva b'dan il-mod:*

*'As to the subjective test, the principle that a tribunal must be presumed to be free of personal prejudice or partiality is long-established in the case-law of the Court (see Kyprianou, cited above, § 119, and Micallef, cited above, § 94). The personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see Hauschildt v. Denmark, 24 May 1989, §*

[1] Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzjonali), 28 ta' April 2016.

[2] *Incal v Turkey*, Reports 1998-IV, 9 ta' Ġunju 1998; *Wettstein v Switzerland*, Applikazzjoni nru. 33958/96, 21 ta' Diċembru 2000.

*47, Series A no. 154). As regards the type of proof required, the Court has, for example, sought to ascertain whether a judge has displayed hostility or ill will for personal reasons (see De Cubber v. Belgium, 26 October 1984, § 25, Series A no. 86).*

*In the vast majority of cases raising impartiality issues the Court has focused on the objective test (see Micallef, cited above, § 95). However, there is no watertight division between subjective and objective impartiality since the conduct of a judge may not only prompt objectively held misgivings as to impartiality from the point of view of the external observer (objective test) but may also go to the issue of his or her personal conviction (subjective test) (see Kyprianou, cited above, § 119). Thus, in some cases where it may be difficult to procure evidence with which to rebut the presumption of the judge's subjective impartiality, the requirement of objective impartiality provides a further important guarantee (see Pullar v. the United Kingdom, 10 June 1996, § 32, Reports of Judgments and Decisions 1996-III).'*

*27.Illi min-naħa l-oħra l-imparzjalita` oġġettiva tirrikjedi li l-ġudikant għandu jitqies imparzjali anki mill-punto di vista tat-terz ordinarju u raġjonevoli, ossia mill-ordinary reasonable observer. L-imparzjalita` oġġettiva trid li f'każ li jkun hemm l-iċken dubju dwar l-imparzjalita` oġġettiva tal-ġudikant, liema dubju jkun tali li jista' raġonevolment jiġi pperċepit mill-osservatur ordinarju u raġjonevoli, dan għandu jagħti lok sabiex il-ġudikant ma jibqax jippresjedi fuq il-kawża in kwistjoni;*[3]

*28.Illi għalhekk, l-imparzjalita` oġġettiva tinneċesita li ġudikant ikun jista' jeżerċita l-funzjoni tiegħu b'mod li jkun hemm garanziji suffiċjenti in vigore li jeskludu kwalunkwe dubju leġġittimu dwar l-imparzjalita` tal-istess ġudikant;*[4]

[3] *Incal v Turkey*, Reports 1998-IV, 9 ta' Ġunju 1998; *Wettstein v Switzerland*, Applikazzjoni nru. 33958/96, 21 ta' Diċembru 2000.
[4] *Wettstein v Switzerland*, Application no. 33958/96, 21 ta' Diċembru 2000; *Ferrantelli and Santangelo v Italy*, Applikazzjoni nru. 19874/92, 7 ta' Awissu 1996; *Holm v Sweden* ECHR 58 1983.

*29.Illi f'dan ir-rigward tiġi kemm il-darba ċitata l-frażi ta' Lord Hewart CJ fil-kawża R v Sussex Justices, Ex parte McCarthy ossia li "it is not merely of some importance but is of fundamental importance that justice should not only be done, but should* ***manifestly and undoubtedly*** *be seen to be done."*[5] *(Enfasi miżjuda). Tali frażi llum ħadet postha fost il-massimi legali venerati u għalhekk ġiet anki adottata fil-ġurisprudenza kemm nostrana u anki dik tal-ECtHR;*[6]

*30.Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jerġa' jagħmel referenza għal Morice v France, kif kwotat fil-kawża Lawrence Grech et vs Avukat Generali et, fejn ġie enunċjat is-segwenti:*

*'As to the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his or her impartiality. This implies that, in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular judge or a body sitting as a bench lacks impartiality, the standpoint of the person concerned is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified (see Micallef, cited above, § 96).*
*The objective test mostly concerns hierarchical or other links between the judge and other protagonists in the proceedings (ibid., § 97). It must therefore be decided in each individual case whether the relationship in question is of such a nature and degree as to indicate a lack of impartiality on the part of the tribunal (see Pullar, cited above, § 38).*

*In this connection even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII, and Micallef, cited above, § 98).'*

---

[5] [1924] 1 KB 256, [1923] All ER Rep 233.
[6] Per eżempju *Delcourt v Belgium* ECHR 1 1970.

*31.Illi fil-pratika l-imparzjalita` oġġettiva tirrikjedi kemm li l-Istat jippromulga liġijiet proċedurali li jipprovdu r-rimedji adegwati kull fejn jaf tinqala' xi kwistjoni dwar l-imparzjalita` tal-ġudikanti, u dan speċjalment fejn si tratta dwar kwistjonijiet delikati relatati mar-rikuża tal-ġudikanti, u kemm li l-ġudikanti nfushom jirrikużaw rwieħhom fejn ikun hemm hemm anki l-mera apparenza ta' xi tip ta' kunflitt;*[7]

*32.Illi jingħad bl-akbar rispett li s-sistema legali ta' pajjiż li jgħożż u jżomm fuq quddiem l-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja għandha tipprovdi r-rimedji kollha opportuni sabiex kwalunkwe dubju dwar l-imparzjalita` ta' ġudikant jiġi indrizzat b'mod dirett, proporzjonat u permezz ta' rimedji ordinarji li ma jirrikjedux l-estremi tar-rimedju kostitużjonali straordinarju;*[8]

*33.Illi del resto jingħad li ċertament dan huwa essenzjali sabiex il-Qrati jispiraw il-kunfidenza fil-pubbliku f'soċjeta demokratika.*[9] *Fil-fatt l-esponenti jgħid li tali kunfidenza qatt ma tista' tissustixxi b'mod oġġettiv tenut kont tal-liġijiet nostrana rilevanti, hekk kif preżentement in vigore, u li tali liġijiet ċertament jagħtu lok għal dubji leġittimi dwar l-imparzjalita` oġġettiva ta' ġudikant fejn si tratta ta' talba għar-rikuża tal-istess;*

*34.Illi tali dubji raġjonevoli u oġġettivi huma naxxenti mis-sempliċi fatt li fil-preżent* ***ġudikant huwa mistenni jieħu deċiżjoni huwa stess fuq il-kapaċita` tiegħu stess li jkun imparzjali f'kawża partikolari****;*

*35.Illi filwaqt li huwa ukoll veru li ġudikant huwa dejjem preżunt imparzjali, tali preżunzjoni hija waħda merament iuris tantum u li ma tistax ħlief tiġi ribattuta meta tali ġudikant jiġi* ***mitlub jiddeċiedi fuq l-idonejita` tiegħu stess li jiddeċiedi kawża b'mod imparzjali****;*

---

[7] *Kyprianou v Cyprus* ECHR 873 2005.

[8] F'dan is sens hi ta' rilevanza l-kawza *Remli v France* 22 E.H.R.R. 253; 199 fejn kien hemm leżjoni tal-Artikolu 6 peress li l-Liġi Franciza kienet tipprekludi l-Qrati milli jagħtu rimedju fejn kienu tqajjmu dubji dwar l-imparzjalita tal-ġudikanti.

[9] *Padovani v Italy* ECHR 12 1993; *Farhi v France* ECHR 5562 2007; *Jasinski v Poland* ECHR 883 2005.

*36.Illi, magħmulin dawn il-punti, l-esponenti tirrileva wkoll li l-pożizzjoni legali preżenti fir-rigward tal-proċedura applikabbli għar-rikuża tal-ġudikanti hija ukoll leżiva għad-dritt fondamentali għar-rimedju effettiv;*

*37.Illi dan qiegħed jingħad għax, kif imsemmi aktar il-fuq, l-Artikolu 738(1) jipprovdi b'mod espress u inekwivoku li ma hemm l-ebda' lok għall-appell mid-deċiżjoni ta' ġudikant fir-rigward ta' talba għar-rikuża;*

*38.Illi effettivament bl-esklużjoni għad-dritt ta' appell minn tali deċiżjoni, il-parti hi għal kollox sprovvista minn rimedju effettiv u tempestiv sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni taghha. Dan ifisser li parti li tkun talbet ir-rikuża ta' ġudikant, u dan b'eżitu negattiv, m'għandha l-ebda possibilita` li tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha u mgħandhiex triq oħra għajr li tkompli ssegwi l-proċeduri presjeduti mill-istess ġudikant;*

*39.Illi huwa tassew minnu li parti tista' dejjem tittenta tikseb rimedju permezz tal-intavolar ta' kawża kostitużjonali, hekk bħal ma qed tagħmel l-esponenti permezz tal-preżenti rikors, kif ukoll permezz ta' appell ġenerali intavolat wara li tiġi maqtugħa l-kawża fuq il-mertu;*

*40.Illi madanakollu l-esponenti umilment tissottometti li tali rimedji ma jistgħux jikkonfguraw ruħhom bħala rimedji effettivi u ordinarji hekk kif irid l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*41.Illi r-rimedju kostituzjonali huwa rimedju straordinarju b'dan li d-dritt fundamentali għal rimedju effettiv jirrikjedi li parti tingħata rimedju* **ordinarju***, u mhux li tiġi sfurzata tfittex rimedji li jmorru oltre l-ordinarju;*

*42.Illi min-naħa l-oħra jingħad li lanqas ma jista' jitqies bħala rimedju effettiv l-appell ġenerali li jista' jsir wara li tingħata sentenza fuq il-mertu mill-ġudikant li tiegħu tkun intalbet ir-rikuża;*

*43.Illi dan qiegħed jingħad stante li t-trapass taż-żmien li ġeneralment ikun hemm bejn iċ-ċaħda tat-talba għar-rikuża u l-possibilita` tal-appell ġenerali*

*jkun tali li jxejjen l-effikaċja ta' tali rimedju. Dan apparti l-fatt li ma teżistix garanzija suffiċjenti li l-*Qorti tal-Appell *jkollha l-fakultajiet u l-kapaċitajiet kollha sabiex tissana kwalunkwe aggravju legali u raġjonevoli li jkollha l-parti appellanti, b'dan li huwa wisq konċepibbli li, tal-anqas fir-rigward ta' ċerta lanjanzi, il-parti appellanti tkun trid tibqa' bil-fait accomplit li jkun sar da parte tal-ewwel qorti kif presjeduta mill-ġudikant li tiegħu tkun intalbet ir-rikuża;*

*44.Illi n-nuqqasijiet tal-appell ġenerali bħala forma ta' rimedju effettiv jemerġu ukoll meta wieħed jiftakar li l-Qrati tal-appell nostrana huma Qrati reviżuri li ħafna drabi ma jisimgħux kawża mill-ġdid iżda biss jikkunsidraw aggravji legali. Di piu` minn aspett ta' apprezzament ta' provi l-Qorti tal-Appell issostni b'mod konsistenti għall-aħħar li l-funzjoni tagħha hija biss li tara jekk l-ewwel qorti setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjonijiet li għalihom tkun waslet;*

*45.Illi dan iwassal sabiex jillimita l-funzjoni u l-poteri tal-Qrati tal-appell b'mod li ma jistax jingħad li possibilita` tal-appell ġenerali sejjer jippreżenta f'kull każ rimedju ordinarju effettiv sabiex jissana kwalsiasi leżjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq li jaf tkun seħħet fil-prim istanza;*

*46.Illi b'riferenza għall-kwistjoni tar-rikuża, fil-fatt, jingħad li d-diċitura tal-Artikolu 378(1) jimplika li mhux biss ma jistax isir appell ad hoc mid-deċiżjoni ta' ġudikant li ma jirrikużax ruħu, iżda lanqas ma tista' tali ċaħda titressaq bħala aggravju partikolari u speċjali fil-kuntest ta' appell ġenerali;*

*47.Illi f'kuntest fejn l-unika zewg rimedji li jistgħu jiġu ravviżati - ossia dak kostituzjonali u dak ta' appell ġenerali - ma jistgħux jitqiesu, rispettivament, la ordinarji u lanqas neċessarjament effettivi, jingħad bl-akbar rispett li mhux talli l-pożizzjoni legali fir-rigward tar-rikuża tal-ġudikanti hi leżiva għad-dritt għal smiegħ xieraq iżda talli ma jeżistux salvagwardji bizzejjed*

*fid-dritt procedurali nostrali sabiex joffru rimedju effettiv kull fejn ikun hemm tali periklu ta' intralċ ta' smiegh xieraq;*

*48.Illi trattat ukoll dan il-punt, l-esponenti jagħmlu riferenza għall-każ ta' A.K. v Liechtenstein, deċiż mill-ECtHR nhar id-9 ta' Lulju, 2015, liema każ kien jittratta punti analogi, jekk mhux adirittura identiċi għal dawk mertu ta' dawn il-proċeduri;*

*49.Illi l-ilment tal-attur f' A.K. v Liechtenstein kien fis-sens li l-ħames ġudikanti li kienu jippresjedu l-Qorti Kostituzjonali ma kienux imparzjali fil-proċedura li ġiet adoperata biex jikkunsidraw it-talba tar-rikuża mressqa mill-attur, u li din kienet leżiva tad-dritt għal smiegħ xieraq;*

*50.Illi fil-fatt, fl-imsemmi każ, l-ECtHR tenniet li kien hemm leżjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq mhux għax l-Imħallfin ħadu deċiżjoni fuq it-talba tar-rikuża tagħhom stess, iżda, adirittura sempliċiment għax meta ġew mitluba jieħdu deċiżjoni dwar it-talba tar-rikuża fil-konfront ta' xulxin setgħu taw lok għal l-impressjoni oġġettiva li kienu qed jieħdu deċiżjoni fuqhom infushom ukoll;*

*51.Illi f'dan ir-rigward l-ECtHR tenniet:*

*'Having regard to the foregoing considerations, the Court considers that the procedure chosen by the Constitutional Court to dismiss the applicant's motions raised an issue in respect of the judges' impartiality particularly in so far as they all decided upon motions brought against them on identical grounds and thus **appear, in substance, to have rejected the motions concerning themselves**. The Court considers, in addition, that the fact that judges of the Constitutional Court, despite the fact that they had been challenged by the applicant and no decision had been taken yet on the applicant's motion for bias against them, nevertheless **decided upon motions for bias against other judges of that Court could shed further doubts upon those judges' impartiality**.*

*…*

*In the present case, the judges of the Constitutional Court in fact* ***gave the impression that they were themselves deciding on the motion for bias directed against them****.*

*…*

*In the light of the foregoing, the Court concludes that the applicant's* ***doubts in respect of the impartiality of the five judges of the Constitutional Court were objectively justified in view of the procedure they chose to reject the applicant's motions for bias against them****.'*[10] *(Enfasi miżjuda)*

*52.Illi għaldaqstant għandu jirriżulta li il-liġijiet proċedurali nostrana fir-rigward tar-rikuża tal-ġudikanti kif preżentament in vigore huma leżivi għad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq u rimedju effettiv;*

*53.Illi b'dan magħdud l-esponenti tħoss li għandha wkoll tindrizza a priori l-kwistjoni tat-tempestivita` tal-azzjoni odjerna;*

*54.Illi filwaqt li huwa veru li l-process li minnu qed tilmenta l-esponent għadu mhuwiex mitmum, l-esponenti qegħda mhux biss tfittex rimedju sabiex tirrimedja l-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha iżda qegħda wkoll tilmenta mill-provvedimenti tal-liġijiet proċedurali relattivi fihom nfushom. Dan għax, irrispettivament mill-eżitu tal-proċeduri li għaddejja minnhom l-esponenti, xorta jibqa' l-fatt li l-liġi kif preżentament in vigore hija fiha nfisha leżiva għad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq u rimedju effettiv tal-esponenti;*

*55.Illi għaldaqstant, l-indaġini dwar jekk l-istat tal-liġi kif viġenti hix leżiva għad-drittijiet fundamentali relattivi, ma tiddependix mill-eżitu tal-kawża in eżami. Dan ifisser li kwalunkwe eċċezzjoni fis-sens li l-azzjoni odjerna hija intempestiva tkun waħda infondata fil-fatt u fid-dritt;*

[10] *A.K. v Liechtenstein*, Applikazzjoni nru. 38191/12, 9 ta' Lulju, 2015, pġ 16-17.

*56.Illi din l-Onorabbli Qorti mhix tkun mitluba tiddiskuti u tittratta l-kwistjoni dwar il-leżjoni għad-drittijiet fondamentali in kwistjoni in vacuo iżda qiegħda tiġi mitluba teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha sabiex teżamina u tindaga jekk l-liġijiet relattivi kif preżentament in vigore humiex leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-esponenti u jekk konsegwentement għandhomx jingħataw rimedju speċifiku oltre d-dikjarazzjonijiet relattivi;*

*57.Illi di piu`, l-esponenti tagħmel umli riferenza għall-pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta v Carmel Camilleri, fejn ġien enunċjat is-segwenti:*

*'Issa qed jigi sollevat illi t-tutela tad-dritt ta' smiegh xieraq tista' tigi evalwata biss b'relazzjoni ghall-proceduri kollha u ghalhekk ikun prematur li wiehed jiddeciedi f'dan l-istadju bikri tal-process. F'dan il-kuntest, il-Qorti tirreferi ghal fuq citata sentenza ta' Privitera, fejn il-Qorti sostniet illi: "Ghalkemm din il-Qorti taqbel ma' dan il-principju, hija tal-fehma pero` li meta diga` jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni, m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le.  Jista' jaghti l-kaz li jkun tard wisq jew dak li jkun imbaghad jibqa' minghajr rimedju. Kif tikteb Karen Reid, "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights", [3rd Edition page 70] "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall".'*[11]

*58.Illi għaldaqstant l-esponenti qegħeda sa minn issa tirrileva li kwalunkwe eċċezzjoni ta' intempestivita` li tista' tinġieb mill-intimat, għandha tiġi miċħuda peress li jissustixxu raġunijiet legali biżżejjed sabiex anki f'dan l-istadju din l-Onorabbli Qorti teżerċita l-poteri kostituzjonali tagħha;*

---

[11] *Ir-Repubblika ta' Malta v Carmel Camilleri*, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzjonali), 26 ta' Ġunju, 2011.

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob li, għar-raġunijiet fuq imsemmija u għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw fit-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din il-wisq Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara li hemm jew li jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smiegħ xieraq ghab-bazi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u ksur tad-drittijiet fundamentali għal rimedju effettiv ghab-bazi tal-Artikolu 13 tal- Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan fir-rigward tal-Artikolu 378 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġijiet relattivi hekk kif applikati fil-kawża nru 100/2015, presjeduta mill-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, fl-ismijiet Grace Spiteri et v Amabile Grech et;*

*2. Tiddikjara li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smiegħ xieraq ghab-bazi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u ksur tad-drittijiet fundamentali għal rimedju effettiv ghab-bazi tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan fir-rigward taċ-ċaħda għat-talba ta' rikuża tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff permezz ta' provvediment ta' nhar il-31 ta' Ottubru, 2016, mogħti fil-kawża bin-numru 100/2015 LM fl-ismijiet Grace Spiteri vs Amabile Grech et;*

*3. Tordna r-rikuza tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff fil-kawża bin-numru 100/2015 fl-ismijiet Grace Spiteri vs Amabile Grech et;*

*4. Tahtar ġudikant ieħor sabiex jippresjedi fuq il-kawza bin-numru 100/2015 fl-ismijiet Grace Spiteri v Amabile Grech et;*

*5. Tagħti dawk l-ordnijiet u r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, inkluż il-likwidazzjoni tad-danni u l-ordni għal-ħlas ta' l-istess;*

*Salvi sottomissjonijiet ulterjuri u bl-ispejjeż.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali, datat 9 ta' Dicembru 2016, (vide fol 21 et seq), li jaqra hekk;

1. *Illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet minnha mressqa għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

2. *Illi fl-ewwel lok, filwaqt li l-esponent jirrileva li mhuwiex parti fil-proċeduri bin-numru 100/2015 LM fl-ismijiet* ***Grace Spiteri vs Amabile Grech et*** *li għalihom tagħmel referenza r-rikorrenti fir-rikors in risposta u għaldaqstant mhuwiex edott bil-mertu tal-istess, umilment jirrileva li r-rikorrenti għandha qabel xejn tippreżenta kopja legali tal-atti ta' dawk il-proċeduri fl-intier tagħhom u mhux biss estratti minnhom sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun f'posizzjoni tiddeċiedi jekk għandiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha a tenur tal-provisos tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4(2) tal tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;*

3. *Illi fit-tieni lok, il-ġurisprudenza tgħallem li jingħarfu tliet kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali jiġifieri, (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għemil li allegatament jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor allegatament jikser xi jedd fundamentali ta' xi ħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ*

*il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni. L-esponent huwa għalhekk tal-umli fehma li jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tordna lir-rikorrenti tinnotifika lill-partijiet l-oħra kollha fil-proċeduri bin-numru 100/2015 LM fl-ismijiet* ***Grace Spiteri vs Amabile Grech et*** *bil-proċeduri odjerni għal-kull interess li jista jkollhom;*

4. *Illi fit-tielet lok, hija l-umli fehma tal-esponent li r-rikors in risposta huwa irritwali in kwantu ma josservax id-dispost tal-Artikolu 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 li jrid li rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) għandu jkun fih, b'mod* ***konċiż u ċar****, il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment u għandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu ġew, li jkunu qed jiġu jew li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura. Bir-rispett dovut, ir-rikors in risposta mhux talli mhuwiex konċiż, talli r-rikorrenti stess tirreferi għalih bħala 'sottomissjonijiet tagħha';*

5. *Illi dejjem bla ħsara għall-premess, kull allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa intempestiv in kwantu d-dritt ta' smiegħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha;*

6. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrespinġi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti fis-sens li ġie leż id-dritt tagħha għal smiegħ xieraq bl-applikazzjoni 'tal-liġijiet relattivi hekk kif applikati fil-kawża bin-numru 100/2015, presjeduta mill-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, fl-ismijiet* ***Grace Spiteri vs Amabile Grech et'*** *u 'fir-rigward taċ-ċaħda għat-talba ta' rikuża tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff permezz ta' provvediment ta' nhar il-31 ta' Ottubru 2016' fl-istess proċeduri kif allegat mir-rikorrenti;*

7. *Illi kif ġustament osservat l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha tal-31 ta' Ottubru 2016, hija dejjem imxiet mal-liġijiet*

*proċedurali fl-*andament *tal-kawża surriferita u kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-ġudikant in kwistjoni ma żammx 'l-imparzjalità tiegħu fil-kwistjoni' hija manifestament infondata u nsostenibbli. Lanqas ma ġew vjolati l-prinċipji ta' audi alteram partem jew nemo judex in causa propria kif allegat mir-rikorrenti. Għalkemm din l-Onorabbli Qorti mhijiex Qorti tat-tielet istanza, jiġi rilevat li ma tissussisti l-ebda raġuni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt li kienet timmerita l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti għar-rikuża tal-ġudikant li jippresjedi l-kawża surriferita;*

8. *Illi bla ħsara għal dan, kif jirriżulta minn* ***'Dok GS1'*** *esebit mir-rikorrenti* mar-rikors promutur, *it-talba tagħha għal rikuża ma kienet ibbażata fuq l-ebda dispożizzjoni speċifika tal-liġi b'dan illi huwa inammissibbli allura li f'dan l-*istadju *r-rikorrenti* tallega bl-aktar mod vag li l-artikoli 733 et seq. *tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta huma leżivi għad-*drittijiet fundamentali *tagħha. Kif tgħallem il-ġ*urisprudenza, allegazzjonijiet dwar drittijiet *fundamentlali m'għandhom qatt ikunu biss eżerċizzju akkademiku;*

9. *Illl f'kull każ u dejjem bla ħsara għall-*premess, *id-dispożizzjonijiet tal-*Kap.12 *tal-liġijiet ta' Malta dwar ir-rikuża ta' imħallfin u maġistrati bl-*ebda mod ma jilledu *d-dritt għal smiegħ xieraq grantit bil-Kostituzzjoni ta'* Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dwar dan *l-esponent jirriżerva li jressaq is-*sottomissjonijiet *tiegħu wara l-għeluq tal-*provi *kif trid il-liġi;*

10. *Illi jsegwi għalhekk li l-*allegazzjonijiet *u l-*pretensjonijiet *tar-rikorrenti fis-sens li ġew jew jistgħu jiġu leżi d-*drittijiet fundamentali *tagħha a tenur tal-*Artikolu 39 *tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*Artikoli 6 u 13 *tal-*Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem huma kollha *infondati u inammissibbli b'dan illi t-talbiet tagħha m'għandhomx jiġu milqugħa;*

11. *Illi bla ħsara għal dan, in kwantu l-ewwel talba tar-rikorrenti kif ukoll parti mill-premessi jirreferu għall-*artikolu 378 *tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jirreferi għall-*mandat *ta' sekwestru eżekuttiv, l-esponent*

*jirrileva ulterjorment li tali talba hija ukoll inammissibbli in kwantu l-imsemmi artikolu tal-liġi bl-ebda mod ma jorbot mal-allegazzjonijiet sollevati mir-rikorrenti;*

12. *Illi f'kull każ, dato ma non concesso u biss għall-grazzja tal-argument li din l-Onorabbli Qorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, r-rimedji mitluba minnha m' għandhomx jiġu akkolti.*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponet, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-provvediment taghha datat 10 ta' Mejju 2017, a fol 33 et seq;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Din hija kawza intavolta mir-rikorrenti wara illi giet michuda t-talba taghha ghar-rekluza tal-Imhallef sedenti fil-kawza fl-ismijiet Grace Spiteri vs Amabile Grech et, numru 100/2015, u dan ghaliex ir-rikorrenti thoss ruhha aggravata kemm mill-ligi, u kif ukoll mic-cahda innifsha, u hija tal-fehma illi d-dritt taghha ghal smiegh xieraq u d-dritt taghha ghal rimedju effettiv gew lezi.

**Ikkonsidrat;**

L-Avukat Generali eccepixxa fil-paragrafu numru 4 illi r-rikors promotur tar-rikorrenti huwa irritwali peress illi ma josservax id-dispost tal-Artikolu 3(1) tal-Legislazzjoni

Sussidjarja 12.09 li jipprovdi li r-rikors ghandu jkun konciz u car, ghaliex, skont l-Avukat Generali, ir-rikors promotur tar-rikorrenti ghandu tifsila ta' nota ta' sottomissjonijiet.

Huwa risaput illi l-Qrati taghna kemm jista' jkun jevitaw il-formalizmu ezagerat u dan fl-ahjar interess tal-gustizzja, ghal ekonomija tal-gudizzju u biex inaqqsu l-ispejjez ghall-partijiet. Dan japplika specjalment f'kawzi ta' natura kostituzzjonali, fejn il-Qrati ghandhom kemm jista' jkun isalvaw l-atti gudizzjarju u jistharrgu l-ilmenti kostituzzjonali u konvenzjonali imressqa mir-rikorrenti biex jassiguraw il-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali sanciti minnhom. Ghalkemm il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali illi r-rikors promotur assolutament m'huwiex konciz, il-Qorti tqis illi galadarba in-nuqqas ta' aderenza mad-disposttiv ta' dan l-artikolu ma jwassalx tassativament ghan-nullita tar-rikors, u galadarba ma jirrizultax illi dan in-nuqqas da parti tar-rikorrenti wassal sabiex l-Avukat Generali isofri pregudizzju ingust, din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-Avukat Generali ecepixxa wkoll illi kull allegat ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq huwa intempestiv in kwantu d-dritt ta' smiegh xieraq irid jigi evalwat fl-isfond tat-totalita' tal-proceduri kollha.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** deciza minn din il-Qorti divesament presjeduta fis-28 ta' Otutbru 2010:

> "*Ghalkemm din il-Qorti taqbel ma' dan il-principju, hija tal-fehma pero` li meta diga` jkun hemm ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tkun tista' ssib li hemm lezjoni m'ghandhiex toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz jew li jigi attwalment miksur id-dritt pretiz biex tiddeciedi jekk hemmx lezjoni jew le. Jista' jaghti l-kaz li jkun tard wisq jew dak li jkun imbaghad jibqa' minghajr rimedju. Kif tikteb Karen Reid, "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights", [3rd Edition page 70] "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall*"

Di piu, il-Qorti hija tal-opinjoni illi in kwantu l-allegat ksur ilmentat mir-rikorrenti huwa ibbazat fuq allegat nuqqas ta' imparzjalita tal-gudikant li qed jisma l-kawza in kwistjoni, ma' jista' jkun hemm ebda kwistjoni ta' intempestivita ghaliex in-nuqqas ta' imparzjalita tal-Qorti huwa difett illi bl-ebda mod ma jista' jigi ssannat b'referenza ghat-totalita tal-proceduri. Id-dritt ghal Qorti jew Tribunal imparzjali huwa element sagrosant tad-dritt ghal smiegh xieraq u jekk dan l-element ikun nieqes, id-dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrent ikun gie serjament pregudikat. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat:**

**Rigward id-dritt ghal smigh xieraq**

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **A.K. v. Liechtenstein** deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fid-9 ta' Lulju 2015 fejn kienet instabet vjolazzjoni ghad-dritt ta' smiegh xieraq ghaliex ir-rikorrent, f'dik il-kawza, kienet talab ir-rikuza ta' kull membru tal-Qorti fuq l-istess ragunijiet, u ghalhekk, ghalkemm l-ebda membru ma kien qed jiddeciedi t-talba ghar-rikuza tieghu nnifsu, il-Qorti ta' Strasbourg kienet tal-opinjoni illi gialadarba t-talbiet ghar-rikuza kienu identici, meta gudikant kien qed jiddeciedi fuq ir-rikuza ta' membru iehor tal-Qorti, xorta wahda kien intefa dubbju fuq l-imparzjalita ta' kull gudikant fid-decizjoni ghar-rikuza.

Minn studju komparattiv tal-proceduri addotatti f'diversi pajjizi ghar-rikuza ta' gudikant, jirrizulta illi f'numru ta' pajjizi, u cioe l-pajjizi li ghandhom is-sistema ta' *common law*, huwa l-gudikant stess, li tieghu qed tigi mitluba r-rikuza, li jiddeciedi dwar it-talba ghar-rikuza tieghu, filwaqt illi f'pajjizi ohra, l-ligi tipprovdi illi ghandu jkun gudikant iehor, jew Qorti ohra, li tiddeciedi t-talba ghar-rikuza.

Fil-procedura civili Taljana, talba ghar-rikuza tigi deciza minn gudikant, jew bank ta' gudikanti skont il-kaz, **li jkunu differenti** mill-gudikant li tieghu qed tintlab ir-rikuza.[12] Fil-procedura civili Germaniza, id-decizjoni hija wkoll rimessa ghal gudkant jew gudikanti **differenti**, sakemm ma jidhirx illi t-talba ghar-rikuza qed issir sempliciment biex ittawwal il-proceduri, f'liema kaz, l-istess gudikant li tieghu qed tintalab ir-rikuza, jista jiddeciedi t-

[12] S. Grossi u M.C. Pagni, *Commentary on the Italian Code of Civil Procedure* (Oxford 2010) 121.

talba ghar-rikuza.[13] Minn naha l-ohra, fir-Renju Unit, huwa l-istess gudikant li tieghu qed tintalab ir-rikuza li jiddeciedi t-talba, ghalkemm id-decizjoni tal-gudikant hija suggetta ghall-appell.

Fl-Istati Uniti imbaghad, l-American Bar Association, fir-Resoluzzjoni taghha tal-2011 fir-rigward tar-rikuza tal-imhallfin, ma rrakkomandatx illi ghandu jkun gudikant iehor illi jiddeciedi talba ghal rikuza tal-imhallef sedenti, izda rrakkomandat minflok, illi l-istati federali jipprovdu proceduri illi huma;

"…*best designed to lead to as prompt and impartial (both in actuality and in public perception) a determination of the motion as possible*"

ghalkemm ziedet li ghandu jkun possibli ghall-Imhallef sedenti li jirreferi t-talba lil gudikant iehor, jekk jidhirlu li c-cirkostanzi jimmeritaw dan. L-istess Amercian Bar Association irrakkomandat illi l-istati federali Amerikani ghandhom jipprovdu:

"[p]*rompt review by another judge or tribunal, or as otherwise provided . . . of denials of requests to disqualify a judge.*"[14]

Din il-procedura hija filfatt diga ezistenti f'diversi stati fl-Istati Uniti, li jipprovdu ghal mekkanzimu singolu, u xi drabi anke doppju, ta' appell ta' decizjoniet li jichdu talbiet ghar-rikuza ta' gudikant. Hekk per ezempju fl-Oklahoma, parti illi titlob ir-rikuza ta' gudikant, fil-kaz li din it-talba tigi michuda, tista' tressaq appell kontra din id-decizjoni quddiem ic-*Chief Judge,* u fil-kaz illi t-talba terga tigi michuda, ghandha opportunita ohra biex tappella quddiem il-Qorti tal-Appell.[15]

Gudikant illi jrid jiddeciedi talba ghar-rikuza tieghu stess jinsab f'posizzjoni odjuza, ghaliex tali talba hija rradikata fuq dubbju rigward l-imparzjalita, jew almenu d-dehra tal-imparzjalita tieghu, meta l-imparzjalita tal-gudikant hija element tant fondamentali tas-sistema gudizzjarja ta' pajjz demokratiku, illi tista' tghid, illi ssir parti mill-identita ta'

[13] S. A. Cohn, 'Judicial Recusation in the Federal Republic of Germany', Vol. 3 GA. J. Int'L & Comp. L (1973) 38 – 39.
[14] American Bar Association, Resolution 107 Adopted by House of Delegates (August 8–9, 2011)
[15] L. W. Abramson, 'Deciding Recusal Motions: Who Judges the Judges?" Vol 28:2 Val. U. L. Rev (1994) 551.

gudikant innifsu, parti mill-attributi professjonali u etici tieghu. Kif intqal mill-Professur Charles Gardener Geyh:

> "*…disqualification rules give litigants a means to challenge* ***judicial impartiality, which is at the core of the judge's self-definition***." [16]

Il-procedura tar-rikuza hija marbuta sfiq mad-dritt ta' smiegh xieraq quddiem Qorti imparzjali, u ghalhekk il-procedura provduta mill-ligi ghandha tkun tali illi tiggarantixxi u tipprotegi dan id-dritt, u in oltre li taghmilha possibli li mhux biss ssir gustizzja, izda anke li tidher li l-gustizzja qed issir. Barra minn hekk, din il-procedura hija wkoll importanti mill-punt di vista tal-percezzjoni tal-fiducja li l-Qrati ghandhom jispiraw fil-pubbliku, fl-imparzjalita u l-indipendenza taghhom u fl-impenn (c*ommittment*) taghhom lejn il-gustizzja u s-saltna tad-dritt.

**Dwar id-Dritt ghal Rimedju Effettiv**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Kudla v. Poland** deciza fis-6 ta' Ottubru 2000**,** il-Qorti ta' Strasbourg irrilevat illi:

> "[t]*he effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief.*
>
> (…)
>
> *The "effectiveness" of a "remedy" within the meaning of Article 13 does not depend on the certainty of a favourable outcome for the applicant. Nor does the "authority" referred to in that provision necessarily have to be a judicial authority; but if it is not, its powers and the guarantees which it affords are relevant in determining whether the remedy before it is effective. Also, even if a single remedy does not by itself entirely satisfy the requirements of Article 13, the aggregate of remedies provided for under*

[16] C. Gardener Geyh, 'Why Judicial Disqualification Matters. Again.' Vol 30:4, The Review of Litigation (2011) 708.

> *domestic law may do so ( see, among many other authorities, the Silver and Others v. the United Kingdom judgement of 25 March 1983, Series A no. 61, p. 42,§ 113, and the Chahal v. the United Kingdom judgement of 15 November 1996, Reports 1996-V, pp. 1869-70,§ 145).*

Ir-rimedji a dispozzjoni tal-individwu mill-iStat jistghu ikunu specifici jew generali: specifici meta jkunu marbuta ma' cirkostanzi specifici, bhal per ezempju l-proceduri intizi sabiex jiksbu r-rilaxx ta' persuna soggetta ghal arrest illegali; rimedji generali, huma dawk li jinkludu l-proceduri kostituzzjonali. Il-principju generali illi r-rimedju ghandu jkun effettiv, sufficjenti u accessibli japplika wkoll fil-kaz ta' tali rimedji generali.[17] Skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, rimedju kostituzjonali huwa ekwiparat ma' rimedju effettiv meta l-individwu jkollu access dirett ghal dan ir-rimedju, u meta l-ligi ma tillimitax u tostakolax lic-cittadin li jirrikorri ghal dawn il-proceduri b'mod irragonevoli.[18]

Rigward ir-rimedju kostituzzjonali intqal ukoll illi sabiex dan ir-rimedju jitqies bhala effettiv ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni:

> "*…it must also provide effective redress for a violation. The constitutional court may therefore be equipped with a range of powers. These often include to declare the existence of a violation; quash the impugned decision, measure or act; where the violation is due to an omission, order the relevant authority to take the necessary action; remit the case to the relevant authority for further proceedings, based on the findings of the constitutional court; order payment of compensation; and/or order restitutio in integrum.*"[19]

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi il-fatt li l-Artikolu 738 (1) ma jipprovdix dritt ta' appell minn decizjonijiet rigward ir-rikuza ta' gudikant, ma jfissirx necessarjament illi l-ligi tikser id-dritt ghal rimedju effettiv. Dan ghaliex kull individwu li jhossu aggravat minn decizjoni ta' gudikant li tirrifjuta t-talba tieghu ghar-rikuza, ghandu dritt jirrikorri ghal Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali sabiex jikseb rimedju ghall-

[17] Vide per ezempju: Sürmeli v. Germany, deciza 8 June 2006, par.97-101.
[18] Vide per ezempju **D v. Ireland,** deciza fit-28 ta' Gunju 2006; Vukovic and others v. Serbia deciza 25 ta' Marzu 2014; **Horvat v. Croatia** deciza 26 ta' Lulju 2001; **Apostol v. Georgia**deciza 28 ta' Novembru 2006.
[19] 'Guide to Good Practice in Respect of Domesetic Remedies', Council of Europe (2013) 49.

aggravju tieghu, u dana permezz ta' zewg proceduri: fl-ewwel lok, billi jitlob lil Qorti sabiex tirreferi l-kwistjoni lil Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali, b'mod illi lanqas ikollu bzonn jinkorri l-ispejjez inizjali tal-intavolar ta' kawza; u fit-tieni lok, billi jintavola proceduri *ad hoc*, u dan anke jekk il-Qorti ordinarja tkun cahditlu t-talba ghar-referenza. Minn naha taghhom, il-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma jirrikonxxu ebda limitu fl-istharrig taghhom fuq l-ilment imressaq quddiemhom, u jistghu ghalhekk jaghmlu kostatazzjonijiet kemm ta' fatti kif ukoll tad-dritt. L-obbligu tac-cittadin li jezawrixxi r-rimedji ordinarji, huwa interpretat b'mod ristrett mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali, u dan biex kemm jista' jkun, l-ilmenti li jingiebu a konjizzjoni ta' dawn il-Qrati jigu mistharrga, u jekk hemm bzonn, rimedjati. Fil-kaz imbaghad illi l-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali jsibu illi l-ilment tar-rikorrent huwa fondat, ghandhom poteri diskrezzjonali wiesgha (limitati biss mill-Kostituzzjoni stess) sabiex jakkordaw rimedji li huma xierqa u sufficjenti biex jindirizzaw il-ksur soffert mir-rikorrent.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ir-rimedju kostituzzjonali huwa wiehed effettiv ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u dan fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg fuq din il-materja. Ghaldaqstant din il-parti tal-ilment tar-rikorrenti hija nfondata u qed tigi michuda.

**L-ewwel talba tar-rikorrent**

Fl-ewwel talba taghha, ir-rikorrenti talbet lil Qorti sabiex tiddikjara li hija soffriet ksur ghad-dritt tagha ghal smiegh xieraq u ghal rimedju effettiv "*u dan fir-rigward tal-Artikolu 378 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Mata u tal-ligijiet relattivi.*"

B'referenza ghal din it-talba, l-Avukat Generali eccepixxa fil-paragrafu 11 illi din it-talba hija inammissibbli stante illi l-artikolu citat mir-rikorrenti fit-talba taghha jirreferi ghall-Mandat ta' Sekwestru.

Il-Qorti rat illi l-Avukat Generali ghandu ragun meta jghid illi l-artikolu citat mir-rikorrenti fit-talba taghha jirreferi ghal Mandat ta' Sekwestru, u li ghalhekk m'ghandu xejn x'jaqsam ma' din l-azjoni. Il-Qorti rat illi minkejja li r-rikorrenti ilha li ngibditilha l-attenzjoni ghal dan sa mid-9 ta' Dicembru 2016 hija qatt ma talbet ghad-debita korrezzjoni. Ghalkemm kif inghad qabel, f'kawzi ta natura kostituzzjonali ma jintuzax formalizmu ezagerat, dan ma

jfissirx illi ghandu jkun hemm permissivizmu ezagerat lanqas. Fil-fehma tal-Qorti, galadarba r-rikorrenti rabtet l-ewwel t-talba taghha mal-Artikolu 378 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ma tistghax taghti d-decizjoni taghha a bazi ta' artikolu differenti.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni kontenuta fil-hdax il-eccezjoni tal-Avukat Generali u tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Ir-rikorrenti tibbaza l-ilment taghha mhux biss fuq l-istat vigenti tal-ligi, izda anke in partikolari fuq ic-cahda tal-Imhallef li ppresedja dik il-kawza ghat-talba taghha li jirrikuza ruhu, u dan permezz ta' provvediment datat il-31 ta Ottubru 2016 moghti fil-kawza fl-ismijiet Grace Spiteri vs Amabile Grech et bin-numru 100/2015 LM. Ir-rikorrenti tippremetti illi "*…ma kienet xejn kuntenta u sodisfatta bl-andament tal-kawza minhabba l-attegjament tal-istess Imhallef sedenti"* u dan ghal zewg ragunijiet:

1. Il-fatt illi l-Qorti cahdet it-talba taghha sabiex jinhatar perit arkitett biex jaccedi l-fond u jirraporta dwar l-ilment fattwali tar-rikorrenti; u
2. Il-fatt illi l-Qorti "*...nvolvit ruhha f'argument mal-avukat difensur* [tar-rikorrenti] *u opponiet bil-qawwa l-prezentata tal-istess files mitluba u ordnat biss li jigu prezentati ftit folji mill-istess files!"*

Skont ir-rikorrent dan "*l-attegjament"* tal-Imhallef sedenti f'dawk il-proceduri ixaqleb bic-car kontra taghha u wassalha sabiex titlef il-fiducja fl-istess gudikant, "*specjalment meta l-istess gudikant beda jaghmel dak li kien qed jissugerixxi l-avukat tal-istess Amabile Grech, minghajr ma jzomm l-imparzjalita tieghu fil-kwistjoni."*

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi mhux kwalunwke cahda ta' xi talba maghmula minn parti f'kawza tista' twassal ghal konkluzjoni illi l-gudikant huwa pregudikat kontra dik il-parti, u li inoltre l-gudikanti m'humiex qeghdin hemm sabiex jissodisfaw il-partijiet billi jaccettaw it-talbiet kollha taghhom ikun xi jkun il-kaz, izda qieghdin hemm biex japplikaw il-ligi u jaghmlu gustizzja mal-partijet fil-kawza.

Il-Qorti Ewropea rreteniet illi l-imparzjalita' ghandha signifikat ta' nuqqas ta' pregudizzju jew bias, liema pregudizzju jew bias jista jigi mixtarr f'diversi modi, - principalment permezz ta' analizi jew ezami soggettiv u analizi oggettiv:

> *"Impartiality normally denotes absence of prejudice or bias and its existence or otherwise can be tested in various ways. The Court has thus distinguished between a subjective approach - that is endevouring to ascertain personal conviction or interest of a given Judge in a particular case and an objective approach that is deterring whether he or she offered sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this rispect."*[20]

Meta giet biex tapplika t-test soggettiv, il-Qorti Ewropea affermat konsistentiment illi;

> ***"The personal impartiality of a Judge, must be presumed until there is proof to the contrary***[21]

Din il-parzjalita' soggettiva tista' tigi accertata fejn per ezempju l-gudikant juri xi ostilita' jew "*ill-will for personal reasons*" lill-wahda mill-partijiet.[22] Il-Qorti Ewropea rreteniet li:

> ***"in this rispect even appearances may be of some importance. What is at stake is the confidence which the Courts in a democratic society must inspire in the public." (Case of Castillo Algar vs Spain, deciza 28/10/1998 para 45) "This implies that in deciding whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular Judge lacks impartiality, the***

[20] Vide Pabla Ky vs Finland para 30, Bellizzi vs Malta para 51-56 - app No 46575/09, Fey vs Austria deciza 24 ta' Frar 1993 para 27, 28, 30; Pescador Valero vs Spain App. No 62435/00, para 21, deciza fil-24 ta' Settembru 2003 - ECHR; Thomann vs Switzerland deciza fl-10 ta' Gunju 1993 para 30 app no., Morice vs France app no 29369/10 deciza fit-23 ta' April 2015 para 73.

[21] Vide le Compte, Van Leuvien and De Meyere vs Belgium app no. 6878/75, deciza fit-23 ta' Gunju 1981 para 58; Michallef vs Malta ibid para 94; Driza vs Albania app no 33771/02, deciza fit-13 ta' Novembru 2007 para 75., Hauschildt v. Denmark, deciza 24 ta' Mejju 1989, para 47., Morice vs France app no 29369/10 deciza fit-23 ta' April 2015 para 74.

[22] Vide Buscemi vs Italy app no 29569/95, deciza fis-16 ta' Settembru 1999 para 67 u 68; vide ukoll De Cubber vs Belgium app no. 9186/80 deciza fis-26 Ottubru 1984 para 25, 26.

***standpoint of the applicant is important but not decisive. What is decisive is whether this fear can be held to be objectively justified"***[23]

Inghad mill-Qorti Ewropea illi Art 6. tal-Konvenzjoni Ewropea tirrikiedi illi Tribunal jew Qrati tkun impartzjali. Fil-kaz ta' **Tocono and Profesorii Prometeisti vs. Moldova**[24] minkejja li l-Qorti Ewropea sabet illi l-Imhallef ma kienx *subjectively biased,* qieset pero illi mhux biss iben l-Imhallef kien gie mkecci (*expelled*) mill-Kap tal-iskola u l-ghalliema Applikanti, izda aghar minn hekk, l-Imhallef kien heddedhom b'retaljazzjoni, u ghalhekk il-bizgha tal-applikant dwar in-nuqqas ta' imparzjalita' tal-Imhallef sedenti, kienet gustifikata taht it-test oggettiv.

L-istess principji gew affermati mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Ferrantelli and Santangelo vs Italy**[25] fejn l-Imhallef sedenti, fl-ezami oggettiv, gie misjub nieqes mill-imparzjalita mistennija skont Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex kien l-istess Imhallef li kien gia ppresedja f'sentenza ta' ko-akkuzati tal-applikant u kien ukoll l-istess Imhallef li kkundanna lill-applikant meta kien ippreseda fil-Qorti tal-Minorenni.

Fil-kaz ta' **Micallef vs Malta**[26] fejn il-Prim' Imhallef kien iz-ziju tal-Avukat tal-kontro-parti u hu l-Avukat l-iehor tal-kontroparti li deheru quddiem il-Qorti, l-Qorti Ewropea ma kienitx perswasa li kien hemm evidenza sufficenti li l-Prim' Imhallef wera "*personal bias"* izda kienet tal-opinjoni illi l-ligi fiha nnifisha *"did not give adequate guarantees of subjective and objective impartiality".* Din is-sentenza tal-Qorti Ewropeja kienet tat lok ghall-emenda li introduciet addizzjoni fir-ragunijiet ghar-rikuza tal-Imhallfin, cioe l-Artikolu 734 (1) (g) tal-Kap.12.

Fir-rigward tal-kwistjoni tac-cahda tat-talba ghal hatra ta' perit arkitett, il-Qorti rat illi skont il-verbal tal-21 ta' April 2015, l-Avukat Kevin Camilleri Xuereb ghall-intimat Perit Marvin Ellul, talab sabiex qabel isir ezami fil-meritu, jigu mistharrga l-eccezzjonijiet preliminari mqanqla, ghal liema talba aderixxa ruhha maghha l-Avukat Daniel Calleja li

---

[23] Kyprianou vs Cyprius app No. 73797/01 deciza fil-15 ta' Dicembru 2005, para 118 and 121; case of Lindon et vs France applik nos. 21279/02 u 36448/02 deciza fit-22 ta' Ottubru 2007 para 77; Gautrin and others vs France app no. 38/822/1025-1028/1997 deciza fl-20 ta' Mejju 1998 para 58.
[24] App no. 32263/03 deciza 26 ta' Gunju 2007.
[25] App no. 19874/92;
[26] Vide app no. 17056/07 deciza fil-15 ta' Ottubru 2009 para 101 u 100.

kien qed jidher ghas-Supretendent tas-Sahha. Jirrizulta illi r-rikorrenti talbet sabiex il-Qorti tahtar Perit Arkitett sabiex jikkonstata ezattament il-meritu tal-kawza qabel ma tghaddi ghall-ecezzjonijiet imsemmija. Minn naha taghha, l-Qorti cahdet din it-talba tar-rikorrenti u ordnat li jitressqu l-provi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u t-tieni eccezzjonijiet tal-Bord tas-Servizzi Generali, u halliet il-kawza ghal provi kollha rigward dawn l-eccezzjonijiet, u jekk ikun il-kaz dwar l-eccezzjonijiet preliminari kollha l-ohra.

Jirrizulta wkoll illi l-eccezzjoni preliminari tal-MEPA u l-General Services Board ai termini tal-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienet fondata billi r-rikorrenti kienet naqset milli tipprezenta ittra ufficjali jew protest gudizzjarju kontra dawn l-entitajiet qabel ma intavolat il-kawza kontra taghhom, u ghalhekk fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2015 l-avukat difensur tar-rikorrenti informa l-Qorti li kien ser jipprezenta nota ta' cessjoni fil-konfront ta' dawn l-entitajiet. Fil-verbal tal-5 ta' Novenbru 2015 imbaghad, il-Perit Marvin Elll irtira l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu, u l-Qorti halliet il-kawza ghat-trattazzjoni dwar il-tielet u s-sitt eccezzjoni tal-istess Perit. Sussegwentement fit-3 ta' Marzu 2016 l-intimat Amabile Grech talab sabiex tigi wkoll deciza l-ewwel eccezzjoni tieghu peress illi tkopri l-istess punti legali mressqa fit-tielet eccezzjoni tal-intimat Perit Ellul u ghalhekk saret trattazzjoni fuq it-tielet u sitt eccezzjoni tal-intimat Perit Ellul u l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Grech u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq dawn l-eccezzjonijiet. Permezz tas-sentenza in parte moghtija fid-9 ta' Mejju 2016, il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex tilqa' in parte dawn l-eccezzjonijiet u ordnat il-prosegwiment tal-kawza tar-rikorrenti fil-meritu ghar-rigward tat-talbiet numru hamsa sa sebgha. Ir-rikorrenti bdiet ghalhekk tressaq il-provi taghha, izda **fl-ebda hin ma regghat talbet lil Qorti sabiex tahtar perit tekniku issa illi l-kawza kienet qed instema fuq il-meritu**.

Illi ghalhekk din l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija *ictu oculi* nfondata u nveritiera. L-ewwel nett, lanqas biss kien l-avukat difensur ta' Amabile Grech illi talab sabiex jigu determinati l-eccezzjonijiet preliminari qabel ma jigi determinat il-meritu, izda kien l-avukat difensur tal-Perit Marvin Ellul, u ghalhekk zgur li ma jistghax jinghad li l-Qorti kienet qieghda b'xi mod tagevola lil Grech. It-tieni nett, m'hemm xejn m'hux f'loku bil-fatt illi l-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrent ghal hatra tal-perit tekniku fi stadju fejn kien hemm eccezzjonijiet preliminari, d-determinazzjoni ta' liema ma kienet bl-ebda mod tiddependendi fuq il-meritu tal-kawza. Ghalhekk id-decizjoni tal-Imhallef sedenti illi jichad it-talba tar-

rikorrenti ghal hatra ta' perit tekniku hija, fil-fehma tal-Qorti, kompletament ragonevoli u zgur li ma taghtix lok ghal dubbji oggettivi u ragonevoli rigward l-imparzjalita tieghu. Dan specjalment meta r-rikorrenti lanqas biss regghet ghamlet talba ohra ghal hatra ta' perit tekniku meta l-kawza kienet waslet fi stadju tal-provi fuq il-meritu.

Rigward it-tieni parti ta' dan l-ilment, il-Qorti rat illi skont il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2016 l-Avukat tar-rikorrenti talab sabiex, ghal udjenza li jmiss, ix-xhud Oliver Magro jesebixi kopja tal-korrispondenza bejn ir-rikorrenti u/jew il-periti taghha u l-MEPA u l-files tal-MEPA li ghandhom x'jaqsmu dwar permessi li nghataw lil Amabile Grech fuq il-fond in kwistjoni u jekk jista' jkun il-minuti li kienu ttiehdu.

Mit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Oliver Magro tal-stess seduta, jirrizulta illi dan l-allegat involviment tal-Imhallef sedenti mal-avukat tar-rikorrenti kien biss canfira zghira kif jidher minn Fol 281 tal-process ta' dik il-kawza, fejn l-Imhallef sedenti indirizza lil Avukat tar-rikorrenti biex "*Meta tharrek xhud, darba ohra ftakar li harriktu"*. Di piu l-Imhallef qal lil istess avukat difensur illi l-korrispondenza mibghuta mill-klijenta tieghu seta' pprezentaha hu stess. Ma jirrizulta minn imkien illi kien hemm xi argument bejn l-Imhallef u l-avukat. Il-Qorti tqis illi l-Imhallef sedenti ghandu obbligu li jissorvelja l-andament tal-kawzi u jassikura li dan isir b'mod xieraq u espedjenti. Huwa l-obligu ta l-Imhallef sedenti li jcanfar, jekk hemm bzonn, lill kull ufficjal tal-Qorti li jonqos minn dmirijietu, naturalment basta li din ic-canfira ma teccedix il-limiti tar-rispett u r-ragonevolezza, li certament ma kienx il-kaz fil-proceduri lamentati.

Apparti minn hekk, jirrizulta illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-Imhallef irrifjuta li jhalli lix-xhud Magro jipprezenta *l-file* in kwistjoni hija wahda inveritiera. Mit-traskrizjoni tax-xhieda ta' Oliver Magro tal-udjenza msemmija, u senjatament fuq id-dorso ta' fol 281 tal-process, jirrizulta s-segwenti skambju bejn l-Imhallef sedenti u x-xhud qabel ma spiccat id-deposjzzjoni tal-istess xhud:

> ***"Qorti: Ghal li jista' jkun gib il-files mieghek halli jekk ikun irid jarahom.***
>
> *Xhud: Mhux problema. Grazzi.*"

**Fl-udjenza li kien imiss, u cioe dik tal-31 ta'Ottubru 2016, meta Oliver Magro kellu jiehu mieghu il-file biex ir-rikorrenti tara xi trid li jigi prezentat minnu, jirrizulta illi la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur taghha ma deher.**

Ghalhekk jidher illi m'huwiex minnu illi l-Imhallef sedenti irifjutata li jhalli lix-xhud Oliver Magro jipproduci l-file mitluba mir-rikorrenti, ghaliex mit-traskrizzjoni jidher illi **kien l-Imhallef stess li ordna lix-xhud biex jipproduci l-file mitlub mir-rikorrenti fl-udjenza li jmiss,** filwaqt li mill-verbal jidher li l-Avukat tar-Rikorrenti ghamel talba f'dan is-sens ghan-nom tar-rikorrenti, liema talba ma gietx michuda mill-Qorti.

Il-Qorti tqis illi l-agir tal-konsulent legali tar-rikorrenti mhuwiex wiehed denju ta' Ufficjal tal-Qorti. Huwa inawdit u inacettabbli illi jintuzaw proceduri ta' natura kostituzzjonali sabiex tigi attakata l-integrita ta' gudikant, permezz ta' allegazzjonijiet fittizji.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kontenuti fil-paragrafi 4 u 5 tar-risposta tal-Avukat Generali, tilqa' l-eccezzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 11 u 6-7 tal-istess risposta, u tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**